



Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

2017/0102(COD)

30.11.2017

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

għall-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-qafas legali tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1288/2013, (UE) Nru 1293/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1305/2013, (UE) Nru 1306/2013 u d-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE (COM(2017)0262 – C8-0162/2017 – 2017/0102(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Eleonora Forenza

PA_Legam

ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Il-proposta tal-Kummissjoni tfittex li tistabbilixxi l-qafas legali tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà u li temenda r-Regolamenti (UE) Nru 1288/2013, (UE) Nru 1293/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1305/2013, (UE) Nru 1306/2013 u d-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE; il-korp ta' solidarjetà tal-futur għandu jinkludi wkoll lis-Servizz Volontarju Ewropew (EVS) preeżistenti. Huwa importanti li jiġi enfasizzat li l-Korp Ewropew ta' Solidarjetà u s-Servizz Volontarju Ewropew ma jitqiegħdux fl-istess sfera ta' kompetenza, peress li l-EVS implimenta programmi ta' volontarjat fpajjiżi barra mill-UE; Ir-rapporteur, għalhekk, tirrakkomanda li huwa importanti li jiġi żgurat li l-attivitajiet imwettqa fil-programm preċedenti ma jiġux issagrifikati meta ssir il-fużjoni taż-żewġ programmi.

L-għan tal-programm tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà hu li sal-2020 jimmobilizza 100 000 żaġħżuġ u żaġħżuġha ta' bejn it-18 u t-30 sena permezz ta' proġetti bbażati fuq il-konservazzjoni u l-ħarsien tal-ambjent jew fuqi l-koeżjoni soċjali. Din il-proposta hija bbażata fuq il-filosofija tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea¹. Il-pajjiżi li se jkollhom aċċess għall-programm se jkunu l-Istati Membri tal-UE u possibbilment pajjiżi oħra fi ftehimiet bilaterali, iżda huwa importanti li wieħed iżomm f'moħħu li mit-territorju tal-UE bħalissa qed jgħaddu anke persuni li ma jkollhom passaport ta' ebda wieħed mill-Istati Membri tal-UE. Għal din ir-raġuni l-programm għandu bżonn jinkludi ż-żgħażaġh anki meta ma jkunux fil-pussess ta' karta tal-identità ta' Stat Membru, u għandu jiffaċilita l-ħruġ ta' permessi ta' residenza u viżi.

Is-solidarjetà hija waħda mill-prinċipji li fuqhom hija msejsa l-UE; hija tiddefinixxi l-proġett Ewropew u tipprovdi l-unità meħtieġa biex l-UE tkun imħejjija sew biex taffronta l-emerġenzi kif ukoll il-kriżijiet attwali u futuri. Fl-okkażjoni tas-60 anniversarju tat-Trattati ta' Ruma, il-Kunsill Ewropew, il-Parlament u l-Kummissjoni kkonfermaw mill-ġdid l-impenn tagħhom li jsaħħu s-solidarjetà, li l-iskop tagħha huwa l-iżvilupp kumplessiv tal-isfera umana².

Ir-rapporteur tqis li huwa vitali li ż-żgħażaġh, li huma dawk li ntlaqtu l-aktar mill-kriżi ekonomika u li huma l-iżjed vulnerabbli, jingħataw inkorogġiment u jiġi meġhuna biex jinvolvi ruħhom f'kull tip ta' miżura li għandha l-għan li ttejjeb is-sistemi u l-politiki fil-qasam tas-solidarjetà, peress li s-solidarjetà tgħin biex tissaħħaħ il-kultura tad-drittijiet tal-bniedem li fuqha hija msejsa l-UE.

Huwa importanti li jiġi enfasizzat li d-drittijiet tan-nisa u tal-persuni LGBTIQ, kif ukoll tal-migranti, jikkostitwixxu drittijiet tal-bniedem u li, peress li dawn huma gruppi partikolarment vulnerabbli, jeħtieġ ikun hemm perspettiva ta' ugwaljanza bejn is-sessi u viżjoni dwar il-proċessi migratorji inkorporati fil-linji gwida tal-programm.

Il-Kummissjoni għandha titfahhar talli tat attenzjoni speċjali liż-żgħażaġh żvantaġġati fir-rigward tal-aċċess għall-programm ta' taħriġ volontarju, li bl-ebda mod m'għandu jissostitwixxi x-xoġhol imħallas jew it-traineeships irregolati mil-liġijiet lokali relevanti u intiżi li jwasslu għal kuntratti ta' impjieg. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom

¹ http://ec.europa.eu/justice/fundamental-rights/charter/index_en.htm (2012/C 326/02) (ĠU C 326, 26.10.2012, p. 391).

² <http://www.consilium.europa.eu/en/press/press-releases/2017/03/25/rome-declaration/#>

għalhekk jiintalbu jwettqu eżerċizzju ta' sorveljanza sabiex ma jkunx hemm sitwazzjonijiet bħal dawn.

Ir-rapporteur issib li hija tat-tfassib li r-riżorsi diġa allokati jew impenjati fis-setturi tal-edukazzjoni u l-kultura – pereżempju Erasmus+ – qed jiġu ttrasferiti għall-programm Korp Ewropew ta' Solidarjetà stabbilit dan l-aħħar. Erasmus+ wera li kien l-aħjar mezz kif jiġi kkonsolidat l-għarfien Ewropew. Ir-rapporteur tqis li l-opportunità kulturali u edukattiva ta' esperjenza fil-qafas tal-programm ERASMUS+ tikkostitwixxi element validu ħafna anke biex jiġi żgurat taħriġ ta' kwalità tajba fi ħdan il-programm tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà.

Ir-rapporteur temmen, barra minn hekk, li s-sħab soċjali u l-partijiet interessati kollha tas-soċjetà ċivili għandhom jiġu involuti fil-proċess ta' evalwazzjoni *ex ante*, kif ukoll fl-attivazzjoni, is-sorveljanza u l-monitoraġġ tal-programm, mingħajr ebda interferenza ma' dak li għandu x'jaqsam man-netwerks volotarji tal-protezzjoni ċivili, li kemm fil-qasam tal-ħarsien ambjentali jew għaliex kienu involuti fil-proċessi ta' rikostruzzjoni wara d-diżastri naturali, ikkontribwew u kkooperaw mal-Kummissjoni fir-rigward tal-programmi ta' rispons għad-diżastri jew tal-operazzjonijiet ta' ħarsien ambjentali.

EMENDI

Il-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel jistieden lill-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni, bħala l-kumitat responsabbli, biex jieħu inkunsiderazzjoni l-emendi li ġejjin:

Emenda 1

Proposta għal regolament

Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni

(4) Jenħtieġ li ż-żgħażaġh jiġu pprovdu b'opportunitajiet li jkunu faċilment aċċessibbli biex jinvolvu ruħhom f'attivitajiet ta' solidarjetà, li jistgħu jippermettulhom jesprimu l-impenn tagħhom għall-benefiċċju tal-komunitajiet filwaqt li jiksbu esperjenza, ħiliet u kompetenzi siewja għall-iżvilupp personali, edukattiv, soċjali, ċiviku u professjonali tagħhom, u b'hekk itejbu l-impjegabbiltà tagħhom. Dawk l-attivitajiet jappoġġjaw ukoll il-mobilità tal-voluntiera, **tal-persuni f'taħriġ** u tal-ħaddiema żgħażaġh.

Emenda

(4) Jenħtieġ li ż-żgħażaġh jiġu pprovdu b'opportunitajiet li jkunu faċilment aċċessibbli biex jinvolvu ruħhom f'attivitajiet ta' solidarjetà, li jistgħu jippermettulhom jesprimu l-impenn tagħhom għall-benefiċċju tal-komunitajiet filwaqt li jiksbu esperjenza, ħiliet u kompetenzi siewja għall-iżvilupp personali, edukattiv, soċjali, ċiviku u professjonali tagħhom, u b'hekk itejbu l-impjegabbiltà tagħhom. Dawk l-attivitajiet jappoġġjaw ukoll il-mobilità tal-voluntiera, **tat-trainees** u tal-ħaddiema żgħażaġh, **u għandhom ikunu f'konformità mal-leġiżlazzjoni nazzjonali tal-mobilità tal-ħaddiema.**

Emenda 2

Proposta għal regolament

Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni

(5) L-attivitajiet ta' solidarjetà offruti liż-żgħażaġh jenħtieġ li jkunu ta' kwalità għolja, fis-sens li jenħtieġ li jwieġbu għall-ħtiġijiet mhux issodisfati tas-soċjetà, jikkontribwixxu għat-tiġħ tal-komunitajiet, joffru liż-żgħażaġh l-opportunità li jiksbu għarfien u kompetenzi siewja, ikunu finanzjarjament aċċessibbli għaż-żgħażaġh, u jiġu implimentati f'kundizzjonijiet sikuri u tajbin.

Emenda 3

Proposta għal regolament

Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni

(6) Il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà jipprovdi punt ta' dħul uniku għall-attivitajiet ta' solidarjetà fi ħdan l-Unjoni. Jenħtieġ li jiġu żgurati l-konsistenza u l-komplementarjetà ta' dak il-qafas ma' politiki u ma' programmi rilevanti oħra tal-Unjoni. Jenħtieġ li l-Korp Ewropew ta' Solidarjetà jibni fuq il-vantaġġi u fuq is-sinerġiji tal-programmi eżistenti, b'mod partikolari s-Servizz Volontarju Ewropew. Jenħtieġ li jikkomplimenta wkoll l-isforzi magħmula mill-Istati Membri biex jappoġġjaw liż-żgħażaġh u biex jiffaċilitaw it-tranżizzjoni mill-iskola għax-xogħol skont il-Garanzija għaż-Żgħażaġh¹⁹ billi jipprovduhom opportunitajiet addizzjonali biex jidħlu fis-suq tax-xogħol fil-forma ta' traineeships jew ta' impjiegi f'oqsma relatati mas-solidarjetà fi ħdan l-Istat Membru rispettiv tagħhom jew b'mod transfruntier. Il-komplementarjetà ma' netwerks eżistenti fil-livell tal-Unjoni li

Emenda

(5) L-attivitajiet ta' solidarjetà offruti liż-żgħażaġh jenħtieġ li jkunu ta' kwalità għolja, fis-sens li jenħtieġ li jwieġbu għall-ħtiġijiet mhux issodisfati tas-soċjetà, jikkontribwixxu għat-tiġħ tal-komunitajiet **lokali u l-koeżjoni soċjali**, joffru liż-żgħażaġh l-opportunità li jiksbu għarfien u kompetenzi siewja, ikunu finanzjarjament aċċessibbli għaż-żgħażaġh, u jiġu implimentati f'kundizzjonijiet sikuri u tajbin.

Emenda

(6) Il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà jipprovdi punt ta' dħul uniku, **ħieles minn diskriminazzjoni abbażi ta' ġeneru jew klassi soċjali**, għall-attivitajiet ta' solidarjetà fi ħdan l-Unjoni. Jenħtieġ li jiġu żgurati l-konsistenza u l-komplementarjetà ta' dak il-qafas ma' politiki u ma' programmi rilevanti oħra tal-Unjoni. Jenħtieġ li l-Korp Ewropew ta' Solidarjetà jibni fuq il-vantaġġi u fuq is-sinerġiji tal-programmi eżistenti, b'mod partikolari s-Servizz Volontarju Ewropew. Jenħtieġ li jikkomplimenta wkoll l-isforzi magħmula mill-Istati Membri biex jappoġġjaw liż-żgħażaġh u biex jiffaċilitaw it-tranżizzjoni mill-iskola għax-xogħol skont il-Garanzija għaż-Żgħażaġh¹⁹ billi jipprovduhom opportunitajiet addizzjonali biex jidħlu fis-suq tax-xogħol fil-forma ta' traineeships jew ta' impjiegi f'oqsma relatati mas-solidarjetà fi ħdan l-Istat Membru rispettiv tagħhom jew b'mod transfruntier. Il-

huma pertinenti għall-attivitajiet skont il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà, bħan-Netzwerk Ewropew tas-Servizzi Pubbliċi tal-Impjiegi, EURES u n-netwerk Eurodesk, jenħtieġ li tiġi żgurata wkoll. Barra minn hekk, għandha tiġi żgurata l-komplementarjetà bejn l-iskemi relatati eżistenti, b'mod partikolari l-iskemi ta' solidarjetà u l-iskemi ta' mobilità nazzjonali għaż-żgħażaġh, u l-Korp Ewropew ta' Solidarjetà, permezz ta' elaborazzjoni fuq il-prattiki tajba fejn xieraq.

¹⁹ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-22 ta' April 2013 dwar it-twaqqif ta' Garanzija għaż-Żgħażaġħ (2013/C 120/01).

Emenda 4

Proposta għal regolament Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni

(7) Biex jiġi mmassimizzat l-impatt tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà, jenħtieġ li jsiru dispożizzjonijiet biex programmi oħra tal-Unjoni bħall-Fond għall-Asil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni, il-programm "L-Ewropa għaċ-Ċittadini", il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u l-Programm tas-Saħħa jikkontribwixxu għall-oġġettivi tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà billi jappoġġjaw attivitajiet li jaqgħu fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tiegħu. Jenħtieġ li din il-kontribuzzjoni tiġi ffinanzjata skont l-atti bażiċi rispettivi tal-programmi kkonċernati. Ladarba jkunu kisbu tikketta tal-kwalità valida tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà, jenħtieġ li l-benefiċjarji jingħataw aċċess għall-portal tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà u jirċievu miżuri ta' kwalità u ta' appoġġ ipprovduti skont it-tip ta' attività offruta.

komplimentarjetà ma' networks eżistenti fil-livell tal-Unjoni li huma pertinenti għall-attivitajiet skont il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà, bħan-Netzwerk Ewropew tas-Servizzi Pubbliċi tal-Impjiegi, EURES u n-netwerk Eurodesk, jenħtieġ li tiġi żgurata wkoll. Barra minn hekk, għandha tiġi żgurata l-komplementarjetà bejn l-iskemi relatati eżistenti, b'mod partikolari l-iskemi ta' solidarjetà u l-iskemi ta' mobilità nazzjonali għaż-żgħażaġh, ***inklużi skemi li joperaw fil-livell reġjonali u lokali***, u l-Korp Ewropew ta' Solidarjetà, permezz ta' elaborazzjoni fuq il-prattiki tajba fejn xieraq.

¹⁹ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-22 ta' April 2013 dwar it-twaqqif ta' Garanzija għaż-Żgħażaġħ (2013/C 120/01).

Emenda

(7) Biex jiġi mmassimizzat l-impatt tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà, jenħtieġ li jsiru dispożizzjonijiet biex programmi oħra tal-Unjoni bħall-Fond għall-Asil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni, il-programm "L-Ewropa għaċ-Ċittadini", il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u l-Programm tas-Saħħa jikkontribwixxu għall-oġġettivi tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà billi jappoġġjaw attivitajiet li jaqgħu fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tiegħu. Jenħtieġ li din il-kontribuzzjoni tiġi ffinanzjata skont l-atti bażiċi rispettivi tal-programmi kkonċernati ***bil-għan li jiġi żgurat involviment akbar taż-żgħażaġh, tas-soċjetà ċivili u tal-iskemi ta' volontarjat li diġà jeżistu fl-Istati Membri***. Ladarba jkunu kisbu tikketta tal-kwalità valida tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà, jenħtieġ li l-benefiċjarji jingħataw aċċess

għall-portal tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà u jirċievu miżuri ta' kwalità u ta' appoġġ ipprovduti skont it-tip ta' attività offruta.

Emenda 5

Proposta għal regolament Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni

(18) Dan ir-Regolament jistabbilixxi pakkett finanzjarju għall-perjodu 2018-2020 li għandu jikkostitwixxi l-ammont ta' referenza ewlieni, fit-tifsira tal-Punt 17 tal-Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja, kooperazzjoni f'materji baġitarji u ġestjoni finanzjarja tajba²³, għall-Parlament Ewropew u l-Kunsill matul il-proċedura baġitarja annwali. L-ammont ta' ' ' referenza prim ***jinkludi riallokamenti mill-programm Erasmus+ (EUR 197.7 miljun) u mill-programm għall-Impjiegi u l-Innovazzjoni Soċjali (EUR 10 miljun) għas-snin finanzjarji 2018, 2019 u 2020, u huwa kkomplimentat mill-kontribuzzjonijiet ta' diversi programmi tal-Unjoni taħt intestaturi differenti, bħall-Fond Soċjali Ewropew, il-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili, il-programm LIFE u l-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali.***

²³ Il-Ftehim Interistituzzjonali tat-2 ta' Diċembru 2013 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji ta' baġit u dwar ġestjoni finanzjarja tajba, ĠU C 373, 20.12.2013, p. 1.

Emenda

(18) Dan ir-Regolament jistabbilixxi pakkett finanzjarju għall-perjodu 2018-2020 li għandu jikkostitwixxi l-ammont ta' referenza ewlieni, fit-tifsira tal-Punt 17 tal-Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja, kooperazzjoni f'materji baġitarji u ġestjoni finanzjarja tajba²³, għall-Parlament Ewropew u l-Kunsill matul il-proċedura baġitarja annwali. ***Bl-eċċezzjoni tar-riallokamenti, l-ammont ta' referenza prim għandu jkun ifffinanzjat permezz tal-użu tal-mezzi finanzjarji kollha disponibbli taħt ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013^{23a}.***

²³ Il-Ftehim Interistituzzjonali tat-2 ta' Diċembru 2013 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji ta' baġit u dwar ġestjoni finanzjarja tajba, ĠU C 373, 20.12.2013, p. 1.

²³ ***Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1311/2013 tat-2 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020***

Emenda 6

Proposta għal regolament Premessa 18 a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(18a) Meta l-azzjonijiet tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà ma jkunux marbutin direttament ma' mezzi finanzjarji disponibbli taħt ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 1311/2013, il-Kummissjoni għandha tiggarrantixxi li jkunu disponibbli fondi addizzjonali ġodda.

Ġustifikazzjoni

L-azzjonijiet meħuda mill-Korp Ewropew ta' Solidarjetà jridu jkunu relatati mal-fondi u l-programmi li huma ffinanzjati minnhom; għal dawk l-azzjonijiet li mhumiex, il-Kummissjoni trid tiżgura li hemm sorsi addizzjonali ta' finanzjament li permezz tagħhom dawn l-azzjonijiet jiġu implimentati.

Emenda 7

Proposta għal regolament Premessa 20

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(20) Biex jiġi mmassimizzat l-impatt tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà, **jenħtieġ li jsiru dispożizzjonijiet biex** il-pajjiżi parteċipanti **jitħallew** jagħmlu finanzjament nazzjonali addizzjonali disponibbli f'konformità mar-regoli tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà.

(20) Biex jiġi mmassimizzat l-impatt tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà, ***l-Istati Membri, u fejn applikabbli, korpi substatali kompetenti bis-setgħat leġiżlattivi esklussivi tagħhom, kif ukoll*** il-pajjiżi parteċipanti, ***għandhom jadottaw dispożizzjonijiet biex*** jagħmlu finanzjament nazzjonali, ***reġjonali u lokali*** addizzjonali disponibbli f'konformità mar-regoli tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà.

Emenda 8

Proposta għal regolament Premessa 24

(24) Għandha tingħata attenzjoni speċjali sabiex ikun żgurat li l-attivitajiet appoġġjati mill-Korp Ewropew ta' Solidarjetà jkunu aċċessibbli għaż-żgħażaġħ kollha, b'mod partikolari dawk żvantaġġati. Għaldaqstant jenħtieġ li jittieħdu miżuri speċjali biex jiġu promossi l-inklużjoni soċjali, il-parteċipazzjoni taż-żgħażaġħ żvantaġġati, kif ukoll jiġu meqjusa r-restrizzjonijiet imposti mid-distanza remota tar-reġjuni ultraperiferiċi tal-Unjoni u tal-Pajjiżi u tat-Territorji extra-Ewropej²⁴. B'mod simili, jenħtieġ li l-pajjiżi parteċipanti jiimpenjaw ruħhom li jadottaw il-miżuri xierqa kollha biex ineħħu l-ostakli legali u amministrattivi għall-funzjonament xieraq tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà. Dan jinkludi s-soluzzjoni, fejn possibbli, u mingħajr ħsara għall-acquis ta' Schengen u għad-dritt tal-Unjoni dwar id-dħul u r-residenza ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi, ta' kwistjonijiet amministrattivi li joħolqu diffikultajiet fil-kisba ta' viżi u ta' permessi ta' residenza.

²⁴ Individwi minn pajjiż jew territorju extra-Ewropew (OCT) u korpi u istituzzjonijiet pubbliċi u / jew privati kompetenti minn OCT jistgħu jieħdu sehem fil-programmi f'konformità mad-Deċizzjoni tal-Kunsill 2001/822/KE tas-27 ta' Novembru 2001 dwar l-assoċjazzjoni tal-pajjiżi u t-territorji lil hinn mill-baħar mal-Komunità Ewropea, ĠU L 314, 30.11.2001, p.1.

Emenda 9

Proposta għal regolament Premessa 25

(24) Għandha tingħata attenzjoni speċjali sabiex ikun żgurat li l-attivitajiet appoġġjati mill-Korp Ewropew ta' Solidarjetà jkunu aċċessibbli għaż-żgħażaġħ kollha, b'mod partikolari dawk żvantaġġati. Għaldaqstant jenħtieġ li jittieħdu miżuri speċjali biex jiġu promossi l-inklużjoni soċjali, il-parteċipazzjoni taż-żgħażaġħ żvantaġġati, kif ukoll jiġu meqjusa r-restrizzjonijiet imposti mid-distanza remota tar-reġjuni ultraperiferiċi tal-Unjoni u tal-Pajjiżi u tat-Territorji extra-Ewropej²⁴. B'mod simili, jenħtieġ li ***l-Istati Membri u*** l-pajjiżi parteċipanti jiimpenjaw ruħhom li jadottaw il-miżuri xierqa kollha biex ineħħu l-ostakli legali u amministrattivi għall-funzjonament xieraq tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà. Dan jinkludi s-soluzzjoni, fejn possibbli, u mingħajr ħsara għall-acquis ta' Schengen u għad-dritt tal-Unjoni dwar id-dħul u r-residenza ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi, ta' kwistjonijiet amministrattivi li joħolqu diffikultajiet fil-kisba ta' viżi u ta' permessi ta' residenza.

²⁴ Individwi minn pajjiż jew territorju extra-Ewropew (OCT) u korpi u istituzzjonijiet pubbliċi u / jew privati kompetenti minn OCT jistgħu jieħdu sehem fil-programmi f'konformità mad-Deċizzjoni tal-Kunsill 2001/822/KE tas-27 ta' Novembru 2001 dwar l-assoċjazzjoni tal-pajjiżi u t-territorji lil hinn mill-baħar mal-Komunità Ewropea, ĠU L 314, 30.11.2001, p.1.

(25) Kwalunkwe entità li lesta tieħu sehem fil-Korp Ewropew ta' Solidarjetà, kemm jekk iffinanzjata mill-baġit tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà, minn programm ieħor tal-Unjoni kif ukoll minn sors ta' finanzjament ieħor, jenħtieġ li tirċievi tikketta tal-kwalità dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet xierqa. Jenħtieġ li l-proċess li jwassal għall-attribuzzjoni ta' tikketta tal-kwalità jsir fuq bażi kontinwa mill-istrutturi ta' implimentazzjoni tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà. Jenħtieġ li t-tikketta tal-kwalità attribwita terġa' tiġi vvalutata b'mod perjodiku u tista' tiġi revokata jekk, fil-kuntest tal-verifiki li jridu jsiru, il-kundizzjonijiet li wasslu għall-attribuzzjoni tagħha jinstab li ma jibqgħux issodisfati.

(Ma taffettwax il-verżjoni Maltija)

Emenda 10

Proposta għal regolament

Premessa 28

Test propost mill-Kummissjoni

(28) Jenħtieġ li jiġu żgurati sensibilizzazzjoni, pubbliċità u disseminazzjoni xierqa tal-opportunitajiet u tar-riżultati tal-azzjonijiet appoġġjati mill-Korp Ewropew ta' Solidarjetà fil-livell Ewropew, nazzjonali u lokali. Jenħtieġ li l-attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni, ta' pubbliċità u ta' disseminazzjoni jibbażaw fuq il-korpi ta' implimentazzjoni kollha tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà, ***inkluż, meta jkun rilevanti, bl-appoġġ tal-partijiet ikkonċernati ewlenin l-oħra.***

Test propost mill-Kummissjoni

(28) ***Permezz ta' portali tas-siti elettroniċi*** jenħtieġ li jiġu żgurati sensibilizzazzjoni, pubbliċità u disseminazzjoni xierqa tal-opportunitajiet u tar-riżultati tal-azzjonijiet appoġġjati mill-Korp Ewropew ta' Solidarjetà fil-livell Ewropew, nazzjonali, ***reġjonali*** u lokali. Jenħtieġ li l-attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni, ta' pubbliċità u ta' disseminazzjoni jibbażaw fuq il-korpi ta' implimentazzjoni kollha tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà, ***u fuq il-programmi tal-Unjoni li huma diġà assoċjati mal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà.***

Emenda 11

Proposta għal regolament Premessa 29

Test propost mill-Kummissjoni

(29) Sabiex tiġi żgurata effiċjenza akbar fil-komunikazzjoni lill-pubbliku ġenerali u sinerġiji aktar b'saħħithom bejn l-attivitajiet ta' komunikazzjoni mwettqa b'inizjattiva tal-Kummissjoni, ***ir-riżorsi*** allokatu għall-komunikazzjoni skont dan ir-Regolament ***għandhom*** jikkontribwixxu wkoll biex ikopru l-komunikazzjoni bejn il-korpi dwar il-prijoritajiet politiki tal-Unjoni ***bil-kundizzjoni li dawn ikunu*** relatati ***mal-objettivi*** ġenerali ta' dan ir-Regolament.

Emenda 12

Proposta għal regolament Premessa 37

Test propost mill-Kummissjoni

(37) Għal raġunijiet ta' effiċjenza u ta' effikaċja, jenħtieġ li l-kumitat imwaqqaf skont ir-Regolament (UE) Nru 1288/2013 jassisti wkoll lill-Kummissjoni fl-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament. Fir-rigward tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà, jenħtieġ li dak il-kumitat jiltaqa' f'konfigurazzjoni speċifika u jenħtieġ li l-mandat tiegħu jiġi allinjat biex jissodisfa dan ir-rwol il-ġdid. Jenħtieġ li jkun f'idejn il-pajjiżi parteċipanti li jaħtru r-rappreżentanti rilevanti għal dawk il-laqgħat, fid-dawl tad-dimensjonijiet ta' volontarjat u okkupazzjonali tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà.

Test propost mill-Kummissjoni

(29) Sabiex jiġu żgurati effiċjenza akbar fil-komunikazzjoni lill-pubbliku ġenerali u sinerġiji aktar b'saħħithom bejn l-attivitajiet ta' komunikazzjoni mwettqa b'inizjattiva tal-Kummissjoni, ***jenħtieġ li r-riżorsi*** allokatu għall-komunikazzjoni skont dan ir-Regolament jikkontribwixxu wkoll biex ikopru l-komunikazzjoni bejn il-korpi dwar il-prijoritajiet politiki tal-Unjoni, ***bħall-integrazzjoni soċjali, il-koeżjoni, il-ħarsien ambjentali u l-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima, kif relatati mal-objettivi*** ġenerali ta' dan ir-Regolament ***u jkunu konsistenti mal-objettivi tas-sorsi ta' finanzjament tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà.***

Emenda

(37) Għal raġunijiet ta' effiċjenza u ta' effikaċja, jenħtieġ li l-kumitat imwaqqaf skont ir-Regolament (UE) Nru 1288/2013 jassisti wkoll lill-Kummissjoni fl-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament. Fir-rigward tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà, jenħtieġ li dak il-kumitat jiltaqa' f'konfigurazzjoni speċifika u jenħtieġ li l-mandat tiegħu jiġi allinjat biex jissodisfa dan ir-rwol il-ġdid. Jenħtieġ li jkun f'idejn ***l-Istati Membri u*** l-pajjiżi parteċipanti li jaħtru r-rappreżentanti rilevanti għal dawk il-laqgħat, fid-dawl tad-dimensjonijiet ta' volontarjat u okkupazzjonali tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà.

Emenda 13

Proposta għal regolament Premessa 40

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(40) Jenħtieġ li l-pakkett finanzjarju tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà taħt l-Intestatura 1a tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali jiġi ssupplimentat ukoll minn kontribuzzjonijiet finanzjarji minn programmi u minn intestaturi oħra, li jehntiegu l-emenda tar-Regolamenti (UE) Nru 1293/2013²⁷, (UE) Nru 1303/2013²⁸, (UE) Nru 1305/2013, (UE) Nru 1306/2013³⁰ kif ukoll tad-Deċiżjoni Nru 1313/2013³¹ tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

imħassar

²⁷ Ir-Regolament (UE) Nru 1293/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar l-istabbiliment ta' Programm għall-Ambjent u l-Azzjoni Klimatika (LIFE) u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 614/2007 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 185).

²⁸ Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).

²⁹ Ir-Regolament (UE) Nru 1305/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar appoġġ għall-

iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 487).

³⁰ *Ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 352/78, (KE) Nru 165/94, (KE) Nru 2799/98, (KE) Nru 814/2000, (KE) Nru 1290/2005 u (KE) Nru 485/2008 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 549).*

³¹ *Id-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 924).*

Emenda 14

Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1

Test propost mill-Kummissjoni

(1) "attività ta' solidarjetà" tfisser attività mmirata lejn l-indirizzar tal-ħtiġijiet mhux issodisfati tas-soċjetà għall-benefiċċju tal-komunità filwaqt li jitrawwem ukoll l-iżvilupp personali, edukattiv, soċjali u **professjonali** tal-individwu, li jista' jjeħu l-forma ta' kollokamenti, ta' proġetti jew ta' attivitajiet ta' netwerking, żviluppati b'rabta ma' oqsma differenti, bħall-edukazzjoni u t-taħriġ, l-impjiegi, l-ugwaljanza bejn is-sessi, l-intraprenditorija, b'mod partikolari l-intraprenditorija soċjali, iċ-ċittadinanza u l-parteciġazzjoni demokratika, il-ħarsien tal-ambjent u tan-natura, l-azzjoni klimatika, il-prevenzjoni ta' diżastri, it-tnejjija u l-irkupru, l-agrikoltura u l-iżvilupp rurali, il-forniment ta' oġġetti tal-ikel u mhux tal-ikel, is-saħħa u l-benessri,

Emenda

(1) "attività ta' solidarjetà" tfisser attività mmirata lejn l-indirizzar tal-ħtiġijiet mhux issodisfati tas-soċjetà għall-benefiċċju tal-komunità filwaqt li jitrawwem ukoll l-iżvilupp personali, edukattiv, soċjali, **ċiviku**, u **formattiv** tal-individwu, li jista' jjeħu l-forma ta' kollokamenti, ta' proġetti jew ta' attivitajiet ta' netwerking, żviluppati b'rabta ma' oqsma differenti, bħall-edukazzjoni u t-taħriġ, l-impjiegi, l-ugwaljanza bejn is-sessi, l-intraprenditorija, b'mod partikolari l-intraprenditorija soċjali, iċ-ċittadinanza u l-parteciġazzjoni demokratika, il-ħarsien tal-ambjent u tan-natura, l-azzjoni klimatika, il-prevenzjoni ta' diżastri, it-tnejjija u l-irkupru, l-agrikoltura u l-iżvilupp rurali, il-forniment ta' oġġetti tal-ikel u mhux tal-ikel, is-saħħa u l-benessri,

il-kreattività u l-kultura, l-edukazzjoni fiżika u l-isport, l-assistenza soċjali u s-servizzi soċjali, l-akkoljenza u l-integrazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi, il-kooperazzjoni u l-koeżjoni territorjali;

Emenda 15

Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 3

Test propost mill-Kummissjoni

(3) "żagħżuġh żvantaġġat" tfisser individwi li jeħtieġu appoġġ addizzjonali minħabba diżabilità, diffikultajiet edukattivi jew ta' **taġħlim**, ostakli ekonomiċi, differenzi kulturali, problemi tas-saħħa, ostakli soċjali, ostakli ġeografiċi;

Emenda 16

Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 6

Test propost mill-Kummissjoni

(6) "volontarjat" tfisser servizz volontarju full-time mhux imħallas³² għal perjodu massimu ta' tnax-il xahar, li jipprovdi liż-żgħażaġh bl-opportunità li jikkontribwixxu fil-ħidma ta' kuljum tal-organizzazzjonijiet attivi f'oqsma relatati mas-solidarjetà, għall-benefiċċju aħħari tal-komunitajiet li fi hdahom jitwettqu l-attivitajiet, inkluża dimensjoni solida ta' taġħlim u ta' taħriġ biex il-voluntiera żgħażaġh jkunu jistgħu jiksbu ħiliet u kompetenzi, li se jkunu siewja għall-iżvilupp personali, edukattiv, soċjali u **professjonali** taġħhom, u **li se jikkontribwixxu wkoll biex itejbu l-impjegabbiltà** taġħhom;

³² Bħala prinċipju ġenerali, attività mwettqa kontinwament, 5 ijiem fil-ġimġha

il-kreattività u l-kultura, l-edukazzjoni fiżika u l-isport, l-assistenza soċjali u s-servizzi soċjali, **id-diżabilità**, l-akkoljenza u l-integrazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi, il-kooperazzjoni u l-koeżjoni territorjali;

Emenda

(3) "żagħżuġh żvantaġġat" tfisser individwi li jeħtieġu appoġġ addizzjonali minħabba diżabilità, diffikultajiet edukattivi jew ta' **integrazzjoni**, ostakli ekonomiċi, differenzi kulturali, problemi tas-saħħa, ostakli soċjali, ostakli ġeografiċi;

Emenda

(6) "volontarjat" tfisser servizz volontarju full-time mhux imħallas³² għal perjodu massimu ta' tnax-il xahar, li jipprovdi liż-żgħażaġh bl-opportunità li jikkontribwixxu fil-ħidma ta' kuljum tal-organizzazzjonijiet attivi f'oqsma relatati mas-solidarjetà, għall-benefiċċju aħħari tal-komunitajiet li fi hdahom jitwettqu l-attivitajiet, inkluża dimensjoni solida ta' taġħlim u ta' taħriġ biex il-voluntiera żgħażaġh jkunu jistgħu jiksbu ħiliet u kompetenzi, li se jkunu siewja għall-iżvilupp personali, edukattiv, soċjali u **formattiv** taġħhom, u **għalhekk se jtejjeb ukoll l-impjegabbiltà potenzjali** taġħhom;

³² Bħala prinċipju ġenerali, attività mwettqa kontinwament, 5 ijiem fil-ġimġha

għal 7 sığhat kuljum.

Emenda 17

Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 7

Test propost mill-Kummissjoni

(7) "kollokamenti f'timijiet ta' volontarjat" tfisser kollokamenti li jippermettu lit-timijiet tal-parteeipanti tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà minn pajjiżi parteeipanti *differenti* jagħmlu volontarjat flimkien għal objettiv komuni, billi jwettqu kompiti manwali jew intellettuali, fuq proġett ta' servizz utli għall-komunità għal perjodu ta' bejn ġimagħtejn u xahrejn;

Emenda 18

Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 14

Test propost mill-Kummissjoni

(14) "Portal tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà" tfisser għodda bbażata fuq il-web li tipprovdi servizzi online rilevanti lill-parteeipanti u lill-organizzazzjonijiet parteeipanti tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà, inkluż billi tipprovdi informazzjoni dwar il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà, tirreġistra l-parteeipanti, tfittex parteeipanti għal kollokamenti, tirreklama u tfittex kollokamenti, tfittex sħab potenzjali għall-proġetti, timmaniġġja l-kuntatti u l-offerti għal kollokamenti u għal proġetti, l-attivitajiet ta' taħriġ, ta' komunikazzjoni u ta' netwerking, tinforma u tinnotifika dwar l-opportunitajiet, kif ukoll żviluppi rilevanti oħra relatati mal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà.

għal 7 sığhat kuljum.

Emenda

(7) "kollokamenti f'timijiet ta' volontarjat" tfisser kollokamenti li jippermettu lit-timijiet tal-parteeipanti tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà minn **Stati Membri differenti u minn** pajjiżi parteeipanti **oħra li** jagħmlu volontarjat flimkien għal objettiv komuni, billi jwettqu kompiti manwali jew intellettuali, fuq proġett ta' servizz utli għall-komunità għal perjodu ta' bejn ġimagħtejn u xahrejn;

Emenda

(14) "Portal tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà" tfisser għodda bbażata fuq il-web li tipprovdi servizzi online rilevanti lill-parteeipanti u lill-organizzazzjonijiet parteeipanti tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà, inkluż billi tipprovdi informazzjoni dwar il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà, tirreġistra l-parteeipanti, **tiġġestixxi t-tikketti tal-kwalità**, tfittex parteeipanti għal kollokamenti, tirreklama u tfittex kollokamenti, tfittex sħab potenzjali għall-proġetti, timmaniġġja l-kuntatti u l-offerti għal kollokamenti u għal proġetti, l-attivitajiet ta' taħriġ, ta' komunikazzjoni u ta' netwerking, tinforma u tinnotifika dwar l-opportunitajiet, **ixxandar ir-riżultati tal-azzjonijiet ta' solidarjetà**, kif ukoll żviluppi rilevanti oħra relatati mal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà.

Emenda 19

Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

L-objettiv tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà huwa li jsaħħaħ l-involviment taż-żgħażaġh u tal-organizzazzjonijiet f'attivitajiet ta' solidarjetà aċċessibbli u ta' kwalità għolja bħala mezz biex dawn jikkontribwixxu għat-tisħiħ tal-koeżjoni u tas-solidarjetà fl-Ewropa, jappoġġjaw il-komunitajiet u jwieġbu għall-isfidi *tas-soċjetà*.

Emenda 20

Proposta għal regolament Artikolu 5 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Il-Kummissjoni u l-pajjiżi parteċipanti għandhom jikkooperaw biex jiksbu l-effiċjenza u l-effettività, billi jiżguraw il-koerenza bejn il-programmi u l-iskemi nazzjonali relatati mas-solidarjetà, mal-edukazzjoni, mat-taħriġ vokazzjonali u maż-żgħażaġh minn naħa u l-azzjonijiet li jaqgħu taħt il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà min-naħa l-oħra. Dawk l-azzjonijiet għandhom jinbnew fuq Prattiki tajba u fuq programmi eżistenti rilevanti.

Emenda 21

Proposta għal regolament Artikolu 6 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Emenda

L-objettiv tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà huwa li jsaħħaħ l-involviment taż-żgħażaġh u tal-organizzazzjonijiet f'attivitajiet ta' solidarjetà aċċessibbli u ta' kwalità għolja bħala mezz biex dawn jikkontribwixxu għat-tisħiħ tal-koeżjoni u tas-solidarjetà fl-Ewropa, jappoġġjaw il-komunitajiet u jwieġbu għall-isfidi *epokali, speċjalment dawk marbutin ma' iktar integrazzjoni soċjali, edukazzjoni u impjiegi, kif ukoll mal-ħarsien ambjentali u t-tnaqqis tat-tibdil fil-klima*.

Emenda

2. Il-Kummissjoni, *l-Istati Membri* u l-pajjiżi parteċipanti *l-oħrajn* għandhom jikkooperaw biex jiksbu l-effiċjenza u l-effettività, billi jiżguraw il-koerenza bejn il-programmi u l-iskemi nazzjonali relatati mas-solidarjetà, mal-edukazzjoni, mat-taħriġ vokazzjonali u maż-żgħażaġh, *mingħajr preġudizzju għas-setgħat leġiżlattivi tal-awtoritajiet sottostatali*, minn naħa, u l-azzjonijiet li jaqgħu taħt il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà min-naħa l-oħra. Dawk l-azzjonijiet għandhom jinbnew fuq Prattiki tajba u fuq programmi eżistenti rilevanti.

Test propost mill-Kummissjoni

Il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà għandu jikseb l-objettivi tiegħu permezz tat-tipi ta' azzjonijiet li ġejjin:

Emenda

Il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà għandu jikseb l-objettivi tiegħu permezz tat-tipi ta' azzjonijiet li ġejjin ***fi ħdan il-qafas tal-objettivi tas-sorsi ta' finanzjament tiegħu:***

Ġustifikazzjoni

Peress li l-fondi li jiffinanzjaw il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà ġejjin mill-Erasmus+, l-EaSI, il-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili, il-LIFE, il-FSE u l-FEAŻR, l-objettivi tal-Korp għandhom ikunu marbutin mal-objettivi tal-fondi li jiffinanzjawh.

Emenda 22

Proposta għal regolament

Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) il-kollokamenti ta' solidarjetà, il-proġetti u l-attivitajiet ta' netwerking

Emenda

(a) il-kollokamenti ta' solidarjetà, il-proġetti u l-attivitajiet ta' netwerking ***li jikkonċernaw lis-soċjetà ċivili;***

Emenda 23

Proposta għal regolament

Artikolu 7 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) l-attivitajiet ta' netwerking għal individwi u għal organizzazzjonijiet li jieħdu sehem fil-Korp Ewropew ta' Solidarjetà.

Emenda

(c) l-attivitajiet ta' netwerking għal individwi u għal organizzazzjonijiet li jieħdu sehem fil-Korp Ewropew ta' Solidarjetà ***b'konformità sħiħa u b'komplementarjetà mal-esperjenzi territorjali fil-livell lokali u reġjonali diġà stabbiliti, b'mod partikolari l-prattiki tajbin fis-settur tal-volontarjat u tal-protezzjoni ċivili.***

Emenda 24

Proposta għal regolament

Artikolu 8 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(a) miżuri mmirati biex jiżguraw il-kwalità tal-kollokamenti ta' ' solidarjetà, inklużi t-taħriġ, l-appoġġ lingwistiku, l-appoġġ amministrattiv għall-parteċipanti u għall-organizzazzjonijiet parteċipanti, l-assigurazzjoni, l-appoġġ ta' wara l-kollokament kif ukoll l-iżvilupp ta' ' ' ċertifikat li jidentifika u jiddokumenta l-għarfien, il-ħiliet u l-kompetenzi miksuba matul il-kollokament;

(a) miżuri mmirati biex jiżguraw il-kwalità **għolja** tal-kollokamenti ta' solidarjetà, inklużi **programm ta'** t-taħriġ **komprensiv**, l-appoġġ lingwistiku, l-appoġġ amministrattiv għall-parteċipanti u għall-organizzazzjonijiet parteċipanti, l-assigurazzjoni, l-appoġġ ta' wara l-kollokament kif ukoll l-iżvilupp ta' ċertifikat li jidentifika u jiddokumenta l-għarfien, il-ħiliet u l-kompetenzi miksuba matul il-kollokament;

Emenda 25

Proposta għal regolament Artikolu 8 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni

(d) l-istabbiliment, iż-żamma u l-aġġornament tal-Portal tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà u **tas-servizzi** online rilevanti oħra kif ukoll is-sistemi informatiċi neċessarji ta' appoġġ u għodod ibbażati fuq il-web.

Test propost mill-Kummissjoni

(d) l-istabbiliment, iż-żamma u l-aġġornament tal-Portal tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà, **inklużi r-rapporti tal-parteċipanti fuq il-post**, u **ta' servizzi online rilevanti oħra, qabelxejn fir-rigward tad-disseminazzjoni tal-oġġettivi ta' dan ir-Regolament u l-promozzjoni tal-aċċessibilità tiegħu**, kif ukoll is-sistemi informatiċi neċessarji ta' appoġġ u għodod ibbażati fuq il-web.

Emenda 26

Proposta għal regolament Artikolu 9 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. L-ammont imsemmi fil-paragrafu 1 jinkludi pakkett finanzjarju ta' EUR 294 200 000³³ fil-prezzijiet kurrenti ssupplimentat mill-kontribuzzjonijiet minn:

(a) il-Fond Soċjali Ewropew, li jikkontribwixxi EUR 35 000 000 fil-prezzijiet kurrenti;

(b) il-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili, li jikkontribwixxi

Emenda

imħassar

EUR 6 000 000 fil-prezzijiet kurrenti;

(c) il-programm LIFE, li jikkontribwixxi

EUR 4 500 000 fil-prezzijiet kurrenti;

(d) il-Fond Agrikolu Ewropew għall-

Iżvilupp Rurali, li jikkontribwixxi

EUR 1 800 000 fil-prezzijiet kurrenti.

³³ *Dan il-pakkett finanzjarju jikkostitwixxi l-ammont ta' referenza prim skont it-tifsira tal-punt 17 tal-Ftehim Interistituzzjonali (2013/C 373/01) bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji ta' baġit u dwar ġestjoni finanzjarja tajba.*

Ġustifikazzjoni

Nemmu li l-inizjattivi ġodda m'għandhomx jiġu ffinanzjati mir-rilokazzjoni minn programmi u fondi eżistenti; għall-kuntrarju, dawn għandhom jiġu ffinanzjati mir-riżorsi l-oħra kollha disponibbli taħt il-QFP eżistenti.

Emenda 27

Proposta għal regolament Artikolu 9 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni

6. Pajjiż parteċipanti ***jista' jqiegħed*** għad-dispożizzjoni tal-benefiċjarji finanzjament nazzjonali ġestit skont ir-regoli tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà, u għal dan l-għan ***jista'*** juża l-istrutturi deċentralizzati tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà bil-patt li jiżgura l-finanzjament prorata komplementari ta' dawn l-istrutturi.

Emenda

6. Pajjiż parteċipanti ***għandu, skont il-kapaċitajiet tiegħu, iqiegħed*** għad-dispożizzjoni tal-benefiċjarji finanzjament nazzjonali ġestit skont ir-regoli tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà, u għal dan l-għan ***għandu*** juża l-istrutturi deċentralizzati tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà bil-patt li jiżgura l-finanzjament prorata komplementari ta' dawn l-istrutturi. ***L-Istati Membri jistgħu jqiegħdu għad-dispożizzjoni fondi addizzjonali ġodda.***

Emenda 28

Proposta għal regolament Artikolu 11 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu sehem fil-Korp Ewropew ta' Solidarjetà.

Emenda

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu sehem fil-Korp Ewropew ta' Solidarjetà. ***F'dawk l-Istati Membri fejn is-setgħat marbutin mar-rendiment tal-attivitajiet tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà jkunu ġew trasferiti lejn awtoritajiet sottostatali, għandhom jinħolqu mekkaniżmi, permezz ta' aġenziji nazzjonali li jaġixxu bħala entitajiet ta' implimentazzjoni, biex jippermettu l-parteċipazzjoni diretta ta' dawk l-awtoritajiet.***

Emenda 29

**Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 2**

Test propost mill-Kummissjoni

2. Fl-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, ***il-Kummissjoni u l-pajjiżi*** parteċipanti għandhom jiżguraw li qed isiru sforzi partikolari għall-promozzjoni tal-inklużjoni soċjali, b'mod partikolari għall-parteċipazzjoni taż-żgħażaġh żvantaġġati.

Emenda

2. Fl-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, ***l-Istati Membri u pajjiżi*** parteċipanti ***oħrajn*** għandhom jiżguraw li qed isiru sforzi partikolari għall-promozzjoni tal-inklużjoni soċjali, b'mod partikolari għall-parteċipazzjoni taż-żgħażaġh żvantaġġati ***u aktar vulnerabbli, u għal dan il-għan għandhom jadottaw perspettiva sensitiva għall-kwistjonijiet marbuta mal-ugwaljanza bejn is-sessi.***

Emenda 30

**Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 1**

Test propost mill-Kummissjoni

1. Il-Korp Ewropew ta' ' Solidarjetà għandu jkun miftuħ għall-parteċipazzjoni ta' ' entitajiet pubbliċi jew privati, jew organizzazzjonijiet internazzjonali, dment li dawn ikunu rċevew it-tikketta tal-kwalità tal-Korp Ewropew ta' ' Solidarjetà.

Emenda

1. Il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà għandu jkun miftuħ għall-parteċipazzjoni ta' entitajiet pubbliċi jew privati, jew organizzazzjonijiet internazzjonali, dment li dawn ikunu rċevew it-tikketta tal-kwalità tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà ***f'konformità mal-objettivi ta' dan ir-***

Regolament.

Emenda 31

Proposta għal regolament Artikolu 13 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. L-applikazzjoni ta' entità eliġibbli biex issir organizzazzjoni parteċipanti tal-Korp Ewropew ta' ' Solidarjetà għandha tiġi vvalutata mill-korp ta' ' implimentazzjoni kompetenti tal-Korp Ewropew ta' ' Solidarjetà biex ikun żgurat li l-attivitajiet tagħha jaderixxu mar-rekwiżiti tal-Korp Ewropew ta' ' Solidarjetà.

Emenda

2. L-applikazzjoni ta' entità eliġibbli biex issir organizzazzjoni parteċipanti tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà għandha tiġi vvalutata mill-korp ta' implimentazzjoni kompetenti tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà biex ikun żgurat li l-attivitajiet tagħha jaderixxu mar-rekwiżiti **u l-objettivi** tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà.

Emenda 32

Proposta għal regolament Artikolu 13 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. Bħala riżultat tal-valutazzjoni, l-entità tista' tingħata t-tikketta tal-kwalità tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà. It-tikketta miksuba għandha terġa' tiġi **perjudikament** vvalutata u tista' tiġi revokata.

Emenda

3. Bħala riżultat tal-valutazzjoni, l-entità tista' tingħata t-tikketta tal-kwalità tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà. It-tikketta miksuba għandha terġa' tiġi vvalutata **minn tal-anqas kull sentejn, mingħajr ma jinħolqu piżijiet amministrattivi eċċessivi**, u tista' tiġi revokata.

Emenda 33

Proposta għal regolament Artikolu 13 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni

5. It-tikketta tal-kwalità tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà ma għandhiex twassal b'mod awtomatiku għal finanzjament li jaqa' taħt il-Korp Ewropew

Emenda

5. It-tikketta tal-kwalità tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà ma għandhiex twassal b'mod awtomatiku għal finanzjament li jaqa' taħt il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà, **iżda għandha tkun**

ta' Solidarjetà.

prerekwiżit essenzjali għal tali finanzjament.

Emenda 34

Proposta għal regolament Artikolu 14 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Kwalunkwe entità pubblika jew privata stabbilita f'pajjiż parteċipanti kif ukoll organizzazzjonijiet internazzjonali li jwettqu attivitajiet ta' solidarjetà ***fil-pajjiżi*** parteċipanti jistgħu japplikaw għall-finanzjament mill-Korp Ewropew ta' Solidarjetà. Fil-każ tal-attivitajiet imsemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 7(1), l-organizzazzjoni parteċipanti għandha tikseb it-tikketta tal-kwalità bħala prekundizzjoni biex tirċievi l-finanzjament mill-Korp Ewropew ta' Solidarjetà. Fil-każ tal-proġetti ta' solidarjetà msemmija fil-punt (b) tal-Artikolu 7(1), persuni fiżiċi jistgħu wkoll japplikaw għal finanzjament f'isem gruppi informali ta' parteċipanti tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà.

Emenda

Kwalunkwe entità pubblika jew privata stabbilita ***fi Stat Membru jew*** f'pajjiż parteċipanti ***ieħor*** kif ukoll organizzazzjonijiet internazzjonali li jwettqu attivitajiet ta' solidarjetà ***fi Stat Membru jew f'pajjiżi*** parteċipanti ***oħrajn*** jistgħu japplikaw għall-finanzjament mill-Korp Ewropew ta' Solidarjetà. Fil-każ tal-attivitajiet imsemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 7(1), l-organizzazzjoni parteċipanti għandha tikseb it-tikketta tal-kwalità bħala prekundizzjoni biex tirċievi l-finanzjament mill-Korp Ewropew ta' Solidarjetà. Fil-każ tal-proġetti ta' solidarjetà msemmija fil-punt (b) tal-Artikolu 7(1), persuni fiżiċi jistgħu wkoll japplikaw għal finanzjament f'isem gruppi informali ta' parteċipanti tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà.

Emenda 35

Proposta għal regolament Artikolu 15 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni ***mal-pajjiżi*** parteċipanti, għandha tissorvelja b'mod regolari l-prestazzjoni tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà fil-kisba tal-oġġettivi tiegħu.

Emenda

1. Il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni ***mal-Istati Membri u ma' pajjiżi*** parteċipanti ***oħra***, għandha tissorvelja b'mod regolari l-prestazzjoni tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà fil-kisba tal-oġġettivi tiegħu.

Emenda 36

Proposta għal regolament

Artikolu 15 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) l-għadd ta' parteċipanti f'kollokamenti ta'volontarjat (fil-pajjiż u *transfruntiera*);

Emenda

(a) l-għadd ta' parteċipanti f'kollokamenti ta' volontarjat, ***inklużi żghażaġh żvantaġġati*** (fil-pajjiż *stess* u *transfruntiera*);

Emenda 37

Proposta għal regolament

Artikolu 15 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) l-għadd ta' parteċipanti f'kollokamenti fi traineeship (fil-pajjiż u *transfruntiera*);

Emenda

(b) l-għadd ta' parteċipanti f'kollokamenti fi traineeship, ***inklużi żghażaġh żvantaġġati*** (fil-pajjiż *stess* u *transfruntiera*);

Emenda 38

Proposta għal regolament

Artikolu 15 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) l-għadd ta' parteċipanti f'kollokamenti f'impjieg (fil-pajjiż u *transfruntiera*);

Emenda

(c) l-għadd ta' parteċipanti f'kollokamenti f'impjieg, ***inklużi żghażaġh żvantaġġati*** (fil-pajjiż *stess* u *transfruntiera*);

Emenda 39

Proposta għal regolament

Artikolu 15 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni

(d) l-għadd ta' parteċipanti fi proġetti ta' solidarjetà;

Emenda

(d) l-għadd ta' parteċipanti fi proġetti ta' solidarjetà, ***inklużi żghażaġh żvantaġġati***;

Emenda 40

Proposta għal regolament

Artikolu 15 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(da) l-għadd ta' proġetti ta' solidarjetà;

Emenda 41

Proposta għal regolament

Artikolu 16 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1. Il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni **mal-pajjiżi** parteċipanti, għandha tiżgura d-disseminazzjoni tal-informazzjoni, il-pubbliċità u **segwitu** fir-rigward tal-azzjonijiet kollha appoġġjati fil-qafas tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà.

1. Il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni **mal-Istati Membri u ma' pajjiżi** parteċipanti **loħrajn**, għandha tiżgura d-disseminazzjoni tal-informazzjoni, il-pubbliċità u **s-segwitu** fir-rigward tal-azzjonijiet kollha appoġġjati fil-qafas tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà, **kif ukoll f'dak kollu li għandu x'jaqsam mar-reġistrazzjoni u l-aċċessibilità għall-proċeduri.**

Emenda 42

Proposta għal regolament

Artikolu 16 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2. L-aġenziji nazzjonali msemmija fl-Artikolu 20 għandhom jiżviluppaw politika konsistenti fir-rigward tas-sensibilizzazzjoni effettiva kif ukoll tad-disseminazzjoni u tal-isfruttament tar-riżultati tal-attivitajiet appoġġjati skont l-azzjonijiet li huma jiġġestixxu, għandhom jassistu lill-Kummissjoni fil-kompitu ġenerali tad-disseminazzjoni tal-informazzjoni dwar il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà, inkluż l-informazzjoni dwar l-azzjonijiet ġestiti fil-livell nazzjonali u tal-Unjoni, u r-riżultati tagħhom, u għandhom jinfurmaw lill-gruppi rilevanti fil-mira

2. L-aġenziji nazzjonali msemmija fl-Artikolu 20 għandhom jiżviluppaw politika konsistenti **u strateġija xierqa** fir-rigward tas-sensibilizzazzjoni effettiva kif ukoll tad-disseminazzjoni u tal-isfruttament tar-riżultati tal-attivitajiet appoġġjati skont l-azzjonijiet li huma jiġġestixxu, għandhom jassistu lill-Kummissjoni fil-kompitu ġenerali tad-disseminazzjoni tal-informazzjoni dwar il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà, inkluż l-informazzjoni dwar l-azzjonijiet ġestiti fil-livell nazzjonali u tal-Unjoni, u r-riżultati tagħhom, u għandhom jinfurmaw lill-gruppi rilevanti fil-mira

dwar l-inizjattivi mwettqa f'pajjiżhom.

dwar l-inizjattivi mwettqa f'pajjiżhom.

Emenda 43

Proposta għal regolament Artikolu 17 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) l-aġenziji nazzjonali **fil-livell nazzjonali fil-pajjiżi** parteċipanti.

Emenda

(b) l-aġenziji nazzjonali **maħtura fl-Istati Membri u f'pajjiżi** parteċipanti **oħrajn**.

Ġustifikazzjoni

Għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni r-realtajiet differenti tal-Istati Membri fejn ċerti kompetenzi huma allokatil lil awtoritajiet sottonazzjonali mogħnija bis-setgħa leġiżlattiva proprja tagħhom.

Emenda 44

Proposta għal regolament Artikolu 18 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

F'kull pajjiż parteċipanti fil-Korp Ewropew ta' Solidarjetà, l-awtoritajiet nazzjonali responsabbli għall-ġestjoni tal-azzjonijiet imsemmija fil-Kapitolu III tar-Regolament (UE) Nru 1288/2013 għandhom jaġixxu wkoll bħala awtoritajiet nazzjonali fil-qafas tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà. Il-paragrafi 1, 3, 5, 8, 9, 11, 12, 13, 14, 15 u 16 tal-Artikolu 27 ta' dak ir-Regolament għandhom japplikaw għall-Korp Ewropew ta' Solidarjetà mutatis mutandis. Għall-pajjiżi msemmija fil-paragrafu 2 tal-Artikolu 11 ta' dan ir-Regolament, meta awtorità nazzjonali ma tkunx identifikata għal dak il-pajjiż, din għandha tinħatar skont il-paragrafi 2 sa 6 u 8 sa 15 tal-Artikolu 27 tar-Regolament (UE) Nru 1288/2013.

Emenda

F'kull pajjiż parteċipanti fil-Korp Ewropew ta' Solidarjetà, l-awtoritajiet nazzjonali responsabbli għall-ġestjoni tal-azzjonijiet imsemmija fil-Kapitolu III tar-Regolament (UE) Nru 1288/2013 għandhom jaġixxu wkoll bħala awtoritajiet nazzjonali fil-qafas tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà. ***F'dawk l-Istati Membri fejn is-setgħat marbutin ma' dak il-Kapitolu jkunu ġew trasferiti lejn awtoritajiet sottostatali mogħnija b'setgħa leġiżlattiva proprja u esklużiva, għandhom jinħolqu mekkaniżmi għall-parteeċipazzjoni diretta ta' tali awtoritajiet permezz tal-aġenziji nazzjonali li jaġixxu bħala entitajiet ta' implimentazzjoni.*** Il-paragrafi 1, 3, 5, 8, 9, 11, 12, 13, 14, 15 u 16 tal-Artikolu 27 ta' dak ir-Regolament għandhom japplikaw għall-Korp Ewropew ta' Solidarjetà mutatis mutandis. Għall-pajjiżi msemmija fil-paragrafu 2 tal-Artikolu 11 ta' dan ir-Regolament, meta

awtorità nazzjonali ma tkunx identifikata għal dak il-pajjiż, din għandha tinġar skont il-paragrafi 2 sa 6 u 8 sa 15 tal-Artikolu 27 tar-Regolament (UE) Nru 1288/2013.

Emenda 45

Proposta għal regolament Artikolu 20 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

F'kull pajjiż parteċipanti fil-Korp Ewropew ta' Solidarjetà, l-aġenziji nazzjonali maħtura għall-ġestjoni tal-azzjonijiet imsemmija fil-Kapitolu III tar-Regolament (UE) Nru 1288/2013 fil-pajjiżi rispettivi tagħhom għandhom jaġixxu wkoll bħala aġenziji nazzjonali fil-qafas tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà.

Emenda

F'kull **Stat Membru jew** pajjiż parteċipanti **ieħor** fil-Korp Ewropew ta' Solidarjetà, l-aġenziji nazzjonali maħtura għall-ġestjoni tal-azzjonijiet imsemmija fil-Kapitolu III tar-Regolament (UE) Nru 1288/2013 fil-pajjiżi rispettivi tagħhom għandhom jaġixxu wkoll bħala aġenziji nazzjonali fil-qafas tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà. **F'dawk l-Istati Membri fejn is-setgħat marbutin ma' dak il-Kapitolu jkunu ġew trasferiti lejn awtoritajiet sottostatali mogħnija b'setgħa leġiżlattiva proprja u esklużiva, għandhom jinħolqu mekkaniżmi għall-parteċipazzjoni diretta ta' tali awtoritajiet permezz tal-aġenziji nazzjonali li jaġixxu bħala entitajiet ta' implimentazzjoni.**

Emenda 46

Proposta għal regolament Artikolu 24 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. **Biex timplimenta dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tadotta programmi ta' ħidma permezz ta' atti ta' implimentazzjoni.** Kull programm ta' ħidma għandu jiżgura li l-oġettivi ġenerali u speċifiċi stabbiliti fl-Artikoli 3 u 4 jiġu implimentati b'mod konsistenti u għandu jagħti deskrizzjoni tar-riżultati mistennija, tal-metodu tal-implimentazzjoni u tal-ammont totali

Emenda

1. **Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 25a rigward l-adozzjoni ta' programmi ta' ħidma** Kull programm ta' ħidma għandu jiżgura li l-oġettivi ġenerali u speċifiċi stabbiliti fl-Artikoli 3 u 4 jiġu implimentati b'mod konsistenti u għandu jagħti deskrizzjoni tar-riżultati mistennija, tal-metodu tal-implimentazzjoni u tal-ammont totali tagħhom. Il-programmi ta'

tagħhom. Il-programmi ta' ħidma għandhom ukoll jinkludu deskrizzjoni tal-azzjonijiet li jridu jiġu ffinanzjati, indikazzjoni tal-ammont allokati għal kull azzjoni, indikazzjoni tad-distribuzzjoni tal-fondi bejn il-pajjiżi parteċipanti għall-azzjonijiet li għandhom jiġu ġestiti mill-aġenziji nazzjonali u skeda indikattiva tal-implimentazzjoni.

ħidma għandhom ukoll jinkludu deskrizzjoni tal-azzjonijiet li jridu jiġu ffinanzjati, indikazzjoni tal-ammont allokati għal kull azzjoni, indikazzjoni tad-distribuzzjoni tal-fondi bejn il-pajjiżi parteċipanti għall-azzjonijiet li għandhom jiġu ġestiti mill-aġenziji nazzjonali u skeda indikattiva tal-implimentazzjoni.

Ġustifikazzjoni

Huwa xieraq li l-Parlament u l-Kunsill jiġu kkonsultati dwar il-miżuri ta' implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament.

Emenda 47

Proposta għal regolament Artikolu 24 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 25(2).

imħassar

Ġustifikazzjoni

Huwa xieraq li l-Parlament u l-Kunsill jiġu kkonsultati dwar il-miżuri ta' implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament.

Emenda 48

Proposta għal regolament Artikolu 25

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 25

imħassar

Proċedura ta' kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tiġi meħjuna mill-kumitat stabbilit bl-Artikolu 36 tar-Regolament (UE) Nru 1288/2013. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat fis-sens tar-Regolament

(UE) Nru 182/2011.

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

Ġustifikazzjoni

Huwa xieraq li l-Parlament u l-Kunsill jiġu kkonsultati dwar il-miżuri ta' implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament.

Emenda 49

**Proposta għal regolament
Artikolu 25 a (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 25a

L-eżerċizzju ta' delega

- 1. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati soġġetti għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.***
- 2. Is-setgħa ta' adożzjoni ta' atti delegati msemija fl-Artikolu 24 hija mogħtija lill-Kummissjoni għal perjodu ta' 5 snin minn [id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega ta' setgħa mhux iktar tard minn disa' xhur qabel it-tmiem tal-perjodu ta' sentejn. Id-delega ta' setgħa għandha tiġi estiżta awtomatikament għal perijodi ta' żmien identiċi, ħlief jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjonaw għal tali estensjoni mhux iktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu.***
- 3. Id-delega tas-setgħat imsemija fl-Artikolu 24 tista' tiġi revokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha twassal għat-tmiem tad-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha ssir effettiva fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandhiex***

taffettwa l-validità ta' ebda att delegat li jkun diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta l-esperti maħtura minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016.

5. Malli tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifika dan lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill fl-istess waqt.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 24 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien perjodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex se jrinjogġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Ġustifikazzjoni

Huwa xieraq li l-Parlament u l-Kunsill jiġu kkonsultati dwar il-miżuri ta' implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament.

Emenda 50

Proposta għal regolament Artikolu 26

Test propost mill-Kummissjoni

[...]

Emenda

imħassar

Emenda 51

Proposta għal regolament Artikolu 27

Artikolu 27

imħassar

**Emenda għar-Regolament (UE)
Nru 1293/2013**

**Fl-Artikolu 4 tar-Regolament (UE)
Nru 1293/2013, jiżdied il-paragrafu li ġej:**

'3. Massimu ta' EUR 3 000 000 fil-prezzijiet attwali mis-sottoprogramm għall-Ambjent li jikkorrispondi għall-qasam ta' prijorità Governanza u Informazzjoni Ambjentali u ta' EUR 1 500 000 fil-prezzijiet attwali mis-sottoprogramm għall-Azzjoni Klimatika li jikkorrispondi għall-qasam ta' prijorità Governanza Klimatika u Informazzjoni għandhom jiġu allokati għall-finanzjament ta' proġetti skont it-tifsira tal-Artikolu 17(4) implimentati mill-Korp Ewropew ta' Solidarjetà f'konformità mar-Regolament (UE) 2017/XXX, li jikkontribwixxu għal wieħed jew aktar mill-oqsma ta' prijorità skont it-tifsira tal-Artikoli 9 u 13. Din l-allokkazzjoni għandha tiġi implimentata biss f'konformità mar-Regolament (UE) 2017/XXXX għall-esklużjoni tar-rekwiżiti speċifiċi tar-Regolament (UE) Nru 1293/2013.

Emenda 52

**Proposta għal regolament
Artikolu 28**

Artikolu 28

imħassar

**Emendi għar-Regolament (UE)
Nru 1303/2013**

Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 huwa emendat kif ġej:

1. L-Artikolu 58(1) huwa emendat kif ġej:

(a) l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

'Fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni, il-Fondi ESI jistgħu jappoġġjaw il-miżuri ta' tħejjija, ta' monitoraġġ, ta' amministrazzjoni, ta' għajnuna teknika, ta' evalwazzjoni, ta' awditjar u ta' kontroll neċessarji għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament u jappoġġjaw l-azzjonijiet skont ir-Regolament (UE) 2017/XXX kif imsemmi fit-tielet subparagrafu dment li daww l-azzjonijiet isegwu l-għan ta' koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali.'

'(m) azzjonijiet iffinanzjati skont ir-Regolament (UE) 2017/XXX dwar il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà biex jissaħħa l-iżvilupp personali, edukattiv, soċjali, ċiviku u professjonali taż-żgħażaġh, kif ukoll l-impjegabbiltà tagħhom u tiġi ffaċilitata t-tranżizzjoni tagħhom fis-suq tax-xogħol.'

'EUR 35 000 000 fil-prezzijiet kurrenti tal-ammont allokat għall-assistenza teknika fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni għandhom jiġu allokat lill-Fond Ewropew tas-Solidarjetà biex isostni l-azzjonijiet tagħha, f'konformità mal-punt (a) tal-Artikolu 9(2) tar-Regolament (UE) 2017/XXX. L-allokkazzjoni għandha tiġi implimentata biss f'konformità mar-Regolament (UE) 2017/XXXX għall-esklużjoni tar-rekwiżiti speċifiċi tar-Regolamenti speċifiċi għall-Fondi.

Emenda 53

Proposta għal regolament Artikolu 29

Test propost mill-Kummissjoni

Artikolu 29

**Emenda għar-Regolament (UE)
Nru 1305/2013**

Emenda

imħassar

Fl-Artikolu 51(1) tar-Regolament (KE) Nru 1305/2013, jiżdied is-subparagrafu li ġej taħt l-ewwel subparagrafu:

'Il-FAEŻR jista' jiffinanzja wkoll azzjonijiet implimentati mill-Korp Ewropew ta' Solidarjetà b'ammont ta' EUR 1 800 000 fil-prezzijiet kurrenti f'konformità mar-Regolament (UE) 2017/XXX, li jikkontribwixxu għal waħda jew aktar mill-prijoritajiet tal-Unjoni għall-iżvilupp rurali. L-allokazzjoni għandha tiġi implimentata biss f'konformità mar-Regolament (UE) 2017/XXXX għall-esklużjoni tar-rekwiżiti speċifiċi tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013.

Emenda 54

Proposta għal regolament Artikolu 30

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 30

imħassar

*Emenda għar-Regolament (UE)
Nru 1306/2013*

*Fl-Anness 6 tar-Regolament (UE)
Nru 1306/2013, jiżdied il-punt (j) li ġej:*

'(j) azzjonijiet implimentati mill-Korp Ewropew ta' Solidarjetà f'konformità mar-Regolament (UE) 2017/XXX, li jikkontribwixxu għal prijorità waħda jew aktar tal-Unjoni fil-qasam tal-agrikoltura u l-iżvilupp rurali u b'mod partikolari l-azzjonijiet imsemmija fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 51(1) tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013. L-allokazzjoni għandha tiġi implimentata biss f'konformità mar-Regolament (UE) 2017/XXXX għall-esklużjoni tar-rekwiżiti speċifiċi tar-Regolamenti speċifiċi għall-Fondi.

Emenda 55

Proposta għal regolament Artikolu 31

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 31

imħassar

***Emenda għad-Deċiżjoni
Nru 1313/2013/UE***

***Fl-Artikolu 19(1) tad-Deċiżjoni Nru
1313/2013/UE, jiżdied is-subparagrafu li
ġej wara t-tieni subparagrafu:***

***'EUR 6 000 000 fil-prezzijiet kurrenti
mill-pakkett finanzjarju finanzjarju
derivat mill-Intestatura 3 "Sigurtà u
Ċittadinanza" għandhom jiġu allokat
biex jiffinanzjaw azzjonijiet implimentati
mill-Korp Ewropew ta' Solidarjetà,
f'konformità mar-Regolament
(UE) 2017/XXX, li jikkontribwixxu għal
prijorità waħda jew aktar tal-Unjoni fil-
qasam tal-protezzjoni ċivili. L-allokkazzjoni
għandha tiġi implimentata biss
f'konformità mar-Regolament
(UE) 2017/XXXX għall-esklużjoni tar-
rekwiżiti speċifiċi tad-Deċiżjoni
Nru 1313/2013/UE.'***

PROĊEDURA TAL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

Titolu	Il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà
Referenzi	COM(2017)0262 – C8-0162/2017 – 2017/0102(COD)
Kumitat responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	CULT 12.6.2017
Opinjoni mogħtija minn Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	ENVI 12.6.2017
Kumitati assoċjati - data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	5.10.2017
Rapporteur għal opinjoni Data tal-ħatra	Eleonora Forenza 28.6.2017
Eżami fil-kumitat	7.9.2017
Data tal-adozzjoni	28.11.2017
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 55 –: 6 0: 1
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Margrete Auken, Pilar Ayuso, Catherine Bearder, Ivo Belet, Simona Bonafè, Biljana Borzan, Paul Brannen, Soledad Cabezón Ruiz, Nessa Childers, Birgit Collin-Langen, Miriam Dalli, Seb Dance, Angélique Delahaye, Mark Demesmaeker, Stefan Eck, Bas Eickhout, Karl-Heinz Florenz, Francisc Gambús, Elisabetta Gardini, Arne Gericke, Jens Gieseke, Julie Girling, Sylvie Goddyn, Françoise Grossetête, Andrzej Grzyb, Anneli Jäätteenmäki, Karin Kadenbach, Kateřina Konečná, Giovanni La Via, Jo Leinen, Peter Liese, Norbert Lins, Susanne Melior, Rory Palmer, Gilles Pargneaux, Bolesław G. Piecha, Pavel Poc, John Procter, Julia Reid, Frédérique Ries, Daciana Octavia Sârbu, Renate Sommer, Claudiu Ciprian Tănăsescu, Ivica Tolić, Adina-Ioana Vălean
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Nicola Caputo, Herbert Dorfmann, Christofer Fjellner, Eleonora Forenza, Jan Huitema, Peter Jahr, Gesine Meissner, Ulrike Müller, Younous Omarjee, Christel Schaldemose, Bart Staes, Keith Taylor, Tiemo Wölken
Sostituti (skont l-Artikolu 200(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Richard Ashworth, Pál Csáky, Marco Valli, Tomáš Zdechovský

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT LI JINTALAB
JAGĦTI OPINJONI**

55	+
ALDE	Catherine Bearder, Anneli Jäätteenmäki, Gesine Meissner, Ulrike Müller, Frédérique Ries
ECR	Arne Gericke, Bolesław G. Piecha
EFDD	Marco Valli
GUE/NGL	Stefan Eck, Eleonora Forenza, Kateřina Konečná, Younous Omarjee
PPE	Pilar Ayuso, Ivo Belet, Birgit Collin-Langen, Pál Csáky, Angélique Delahaye, Herbert Dorfmann, Christofer Fjellner, Karl-Heinz Florenz, Francesc Gambús, Elisabetta Gardini, Jens Gieseke, Françoise Grossetête, Andrzej Grzyb, Peter Jahr, Giovanni La Via, Peter Liese, Norbert Lins, Renate Sommer, Ivica Tolić, Adina-Ioana Vălean, Tomáš Zdechovský
S&D	Simona Bonafè, Biljana Borzan, Paul Brannen, Soledad Cabezón Ruiz, Nicola Caputo, Nessa Childers, Miriam Dalli, Seb Dance, Karin Kadenbach, Jo Leinen, Susanne Melior, Rory Palmer, Gilles Pargneaux, Pavel Poc, Christel Schaldemose, Daciana Octavia Sârbu, Claudiu Ciprian Tănăsescu, Tiemo Wölken
Verts/ALE	Margrete Auken, Bas Eickhout, Bart Staes, Keith Taylor

6	-
ECR	Richard Ashworth, Mark Demesmaeker, Julie Girling, John Procter
EFDD	Julia Reid
ENF	Sylvie Goddyn

1	0
ALDE	Jan Huitema

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni